



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2013/2256(DEC)**

7.1.2014

## **EMENDI**

### **1 - 4**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Pervenche Berès**  
(PE524.629v01-00)

Il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea (2013/2256(DEC))

AM\_Com\_NonLegOpinion

**Emenda 1**  
**Csaba Óry**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jindika l-importanza tal-preżentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali tal-aġenziji fil-kumitati responsabbli; ifakkar li din il-prattika tgħin biex tiżgura li l-programmi ta' ħidma jirriflettu l-prijoritajiet politiċi reali u tiffaċilita l-monitoraġġ u l-iskrutinju mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma;

*Emenda*

1. Jindika l-importanza tal-preżentazzjoni **tal-abbozz** tal-programmi ta' ħidma annwali tal-aġenziji fil-kumitati responsabbli **qabel ma jiġi adottat il-programm ta' ħidma finali**; ifakkar li din il-prattika tgħin biex tiżgura li l-programmi ta' ħidma jirriflettu l-prijoritajiet politiċi reali u tiffaċilita l-monitoraġġ u l-iskrutinju mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma;

Or. en

**Emenda 2**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; jindika Prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet;

*Emenda*

3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; jindika Prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim **u pjanijiet ta' azzjoni annwali relatati, proġetti ta' riċerka konġunta, reviżjoni bejn il-pari tal-abbozzi tar-rapporti ta' riċerka, skambju dwar il-metodoloġija tal-istħarriġ** u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet;

Or. en

**Emenda 3**  
**Csaba Óry**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; **jindika** prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet;

*Emenda*

3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; **jinsisti dwar it-tkomplija ta'** prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet;

Or. en

**Emenda 4**  
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; jindika prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet;

*Emenda*

3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; jindika prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet **li jwasslu għal riżultati aktar effettivi**;

Or. en